Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,467, 21 ta' Awwissu, 2020
Taqsima B

A.L. 341 tal-2020

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)

Regoli tal-2020 li jemendaw ir-Regoli dwar l-Identifikazzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' Annimali Bovini u t-Tikkettjar taċ-Ċanga

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7 tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2020 li jemendaw ir-Regoli dwar l-Identifikazzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' Annimali Bovini u t-Tikkettjar taċ-Ċanga u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar l-Identifikazzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' Annimali Bovini u t-Tikkettjar taċ-Ċanga hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali". L.S. 437.84.

Temenda r-regola 2 tar-regoli prinċipali.

2. Fir-regola 2 tar-regoli prinċipali, minnufih wara t-tifsira "l-awtorità kompetenti" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttur" tfisser id-Direttur responsabbli għas-Servizzi Veterinarji, jew kull uffiċjal nominat minnu;".

Iżżid regola ġdida mar-regoli prinċipali.

3. Minnufih wara r-regola 8 għandha tiżdied ir-regola ġdida li ġejja:

"Test tad-DNA.

8A. Id-Direttur jista' minn żmien għal żmien jordna test tad-DNA fuq numru magħżul ta' annimali bovini sabiex jivverifika l-korrettezza tal-informazzjoni sottomessa mid-detentur tal-annimali fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-omm tal-annimal bovin magħżul.".

Iżżid regola ġdida mar-regoli prinċipali.

4. Minnufih wara r-regola 9 għandha tiżdied ir-regola ġdida li ġejja:

"L-ispiża tat-test tad-DNA.

9A. L-ispiża tal-ordni tat-test tad-DNA skont ir-regola 8A għandha titħallas kif ġej:

(a) fil-każ fejn ir-riżultat tat-test jikkonferma l-informazzjoni sottomessa mid-detentur tal-annimali, l-ispiża għandha titħallas mis-Servizzi Veterinarji;

(b) fil-każ fejn ir-riżultat tat-test jikkonferma li l-informazzjoni sottomessa mid-detentur mhix korretta, l-ispiża għandha titħallas mid-detentur tal-annimali.".